TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

Fl-atti tat-Talba CCT 171/22/F

**Loredano Agius**

**vs**

**Tiles & Marbles**

Illum, 17 ta' Diċembru 2024

**It-Tribunal,**

Ra l-atti tal-każ;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi r-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' tlett elef, erba mija u tmenin Euro (€3,480) rappreżentanti l-prezz li huwa ħallas għal materjal ta' wiċċ tal-kċina tat-tip quartz. L-installazzjoni saret minn terz li kien ġie suġġerit mill-azjenda intimata. Jispjega li l-wiċċ ġie nstallat f'Ġunju 2020 u f'Ottubru 2021, wara sena u erba xhur, intebat li kienet qed tiżviluppa qasma ta' ċirka 2.5cm viċin ta' fejn hemm installata l-*hob unit* tal-kċina. Jgħid li minkejja li qajjem l-ilment tiegħu mal-azjenda intimata, baqa' bla rimedju minkejja li skont ma jispjega, l-materjal mixtri għandu '*lifetime warranty*'. Għalhekk, spiċċa biex irrefera l-ilment tiegħu lill-MCCAA. Spjega quddiem it-Tribunal li r-rimedju li qed ifittex huwa dak ta' rimbors minħabba allegat difett fil-materjal u mhux ir-rexxisjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

Illi mill-banda l-oħra, l-azjenda intimata ssostni li l-materjal quartz konsenjat minnha mhux difettux u li x-xogħol li għamlet hi sar sar skont l-arti u s-sengħa. Ġie spjegat fid-dettall li għal dak li jirrigwarda t-toqob għas-*sink* u l-*hob unit*, isiru *line cuts* u *round cuts* iżda ma taqlax 'il barra l-biċċa li tkun trid tinqala'. Dan ix-xogħol, kif ukoll irfinar tal-qtugħ isir *in situ* mill-*installer*. Fix-xhieda tiegħu, Clifton Galea

jispjega li minkejja li eskala l-ilment mal-manifattur fi Spanja, baqa' ma ingħata l-ebda risposta iżda mill-banda l-oħra, l-aġent lokali tal-materjal, ċertu Horace Pace Gasan, kien qallu li dik it-tip ta' qasma mhux normali diment li l-materjal ma jkunx ġie suġġett għal forza esterna.

Illi xehed ukoll l-*installer* li poġġa l-wiċċ tal-kċina in kwistjoni, ċertu Paul Abela, li kkonferma li kollox mexa b'mod regolari u ma kien hemm l-ebda kumment negattiv minn naħa tar-Rikorrent hekk kif kien qed isir ix-xogħol. Jghid li kien ċempillu r-Rikorrent biex jinkarigah imma indika li probabbilment, in-numru tiegħu kien ġie mgħoddi lir-Rikorrent minn naħa tal-azjenda intimata.

Illi mill-provi allura jemerġi li meta l-wiċċ tal-kċina ġie konsenjat lir-Rikorrent, kollox kien sew tant li dan iffirma d-*delivery note* u ħallas il-bilanċ tal-prezz rimanenti. Hemm qbil bejn il-partijiet ukoll li meta l-materjal tal-wiċċ tal-kċina ġie konsenjat, il-vojtijiet ma kienux imqatta' kompletament iżda tkomplew fuq il-post mill-*installer*. Kif jispjega r-Rikorrent, il-problema manifestat ruħha wara sena u erba xhur u mhux waqt jew immedjatament wara l-*installation*.

Illi t-Tribunal għamel riċerka indipendenti fuq il-materjal in kwistjoni u jidher li l-opinjoni ġenerali hija s-segwenti:

> *While quartz countertops are known for their durability, certain factors can lead to cracks. Sudden changes in temperature, such as placing a hot pot directly on the surface or exposing it to extreme cold, can cause cracks to form. Additionally, throwing objects like car keys or spoons onto the countertop can also result in cracks. It's essential to be mindful of these factors to minimise the risk of damage*[1].

Referibbilment għall-każ odjern, ma jistax ma jiġix osservat li l-parti tal-wiċċ tal-kċina fejn manifestat ruħha l-qasma hija ferm viċin il-*hob* fejn ikun hemm il-borom, taġnijiet, etċ jaħarqu. Allura f'dik il-parti hemm riskju akbar li xi oġġett jaħraq jiġi in kuntatt mal-wiċċ tal-quartz bil-konsengwenza li jikkawża qasma bħal dik in eżami f'dan il-każ. L-istess jista' jingħad fuq li taqa' xi borma u taħbat mal-wiċċ, fejn hemm jiġi soġġett għal forza esterna.

[1] https://mrworktopfitter.co.uk/can-a-broken-quartz-countertop-be-repaired/#:~:text=Causes%20of%20Cracks%20on%20a%20Quartz%20Countertop&text=Sudden%20changes%20in%20temperature%2C%20such,can%20also%20result%20in%20cracks (Aċċessata 07/12/2024)

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Illi stabbilit il-premess, fuq bażi ta' probabbilità, wara li fela l-provi, it-Tribunal ma jinsabx konvint li l-kawża tal-qasma hija dovuta għal xi difett inerenti fil-materjal jew xogħol ħażin imputabbli lill-azjenda intimata.

**Jiddeċiedi:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha.**

**Kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice LL.B., LL.D. (Melit.)**
***Arbitru***